MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 212/2007

Il-Pulizija
(Spt. S. Micallef)
Vs
Christopher Siegersma

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar il-21 ta’ Lulju, 2006, ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta’ filghaxija, waqt li kien fi Triq Imrabat, Sliema, saq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CRI 503 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Shaun Spiteri, hekk kif iccertifikat minn Dr. Agnes Cachia MD fl-isptar San Luqa

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u l-artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati talli kkawza feriti nvolontarji ta’ natura gravi minhabba nuqqas ta’ hsieb, u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :- l-appellant kien qed isuq b' mod diligenti, ghaddej bil-mod hafna w attent ghal kull ma kien qed isehh madwaru ghax fit-triq kien hemm traffiku fiz-zewg direzzjonijiet tieghu. Kien qed jersaq lejn pedestrian crossing pero' ebda pedestrian ma kien qed jaghmel uzu minnha w ebda traffiku li kien wasal fuq il-crossing ma kien qed juri li xi hadd kien qed jaqsam minn fuqha. Gara pero' li t-tifel Shawn Spiteri qasam jigri mhux minn fuq il-pedestrian crossing izda minn fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tal-appellant b' angolu lejn il-crossing. Kif l-appellant intebah bl-ghemil inaspettat u subitaneju tat-tifel, hu waqaf mill-ewwel u kien it-tifel li baqa' diehel fil-gemb tal-vettura u mhux fil-quddiem tal-vettura tal-appellant. Din il-prova giet skartata mill-Ewwel Qorti. Id it-tifel inkisret hekk kif habat mall-car tal-appellant L-Ewwel Qorti ghogobha tiskarta l-versjoni tal-appellant u tal-passiggiera martu ghax deherilha li kif xehed it-tifel kien jaghti aktar affidament. Dan pero' ma kienx korrett. Fuq bazi ta' probbabilta' l-versjoni tal-appellant kienet affidabbli daqstant u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena minnhabba dubbju detat mir-raguni. Mill-assjem tal-fatti w cirkostanzi

l-kawza unika w determinanti tas-sinistru kienet l-imgieba ta' Shaun Spiteri. Ghalhekk ma hux "safe and satisfactory" li tigi konfermata l-htija riskontrata ghaliex l-Ewwel Qorti ma setghatx tasal ghaliha anqas fuq bazi ta' probabbilta'.

Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tal-5 ta' Lilju, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi x-xiehda mismugha minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej:-

SHAUN SPITERI xehed  li hu kien ser jaqsam Mrabat Street,Sliema fil-21 ta' Lulju, 2006, f' xil-10.45 pm. Hu hares u ra li naha wahda kienu waqfulu u giet car minn-naha tas-Savoy u hu waqaf u mar lura  imma ma lahaqx ghamel hekk u zamm b' idu mall-car u idu inkisret. Kien hemm karozzi max-xellug sejjrin lejn is-Savoy u ma setax jaraha gejja l-karozza w kien meta hareg minn wara karozza li raha gejja. Kien ra l-car li laqtitu boghod sa mill-mejda tal-esebiti sat-Tribuna tal-Awla Krminali. Ma kienx gej bil-mod. Kien dam xi tlitt gimghat u nofs b' idu fil-gibs u wara ghal tlitt gimghat baqa' jmur ghand it-tabib ghall-physiotherapy.

Illi mic-certifikat mediku esebit jirrizulta li Shaun Spiteri sofra ksur tar-radius u tal-ulna u li dawn kienu feriti ta' natura gravi. (fol. 7). In-natura gravi tal-feriti sofferti minn Shaun Spiteri ma gietx kontestata quddiem l-Ewwel Qorti. (ara verbal a Fol.3).

L-APPELLANT xehed li  fil-hin tal-incident kienu xil-10.45 pm u kien dalam . Hu kien isuq fuq "dipped headlights" . Kien hemm traffic jam u t-traffiku kien wieqaf fiz-zewg direzzjonijiet.. X' hin saqu ta' quddiemu hu saq warajhom. L-impact sar fuq iz-zebra crossing imma l-pedestrian gie ghal fuqha diagonalment. Hu kien isuq fuq il-first gear. X' hin habtu hu kien lahaq waqaf u t-tifel kien laqat il-car tieghu fuq ir-right front mudguard u waqa' mall-art,

magembu , bi dritt il-bieba tad-driver. Umbaghad qam bil-wieqfa w beda' miexi w telaq u hu mar warajh. Hadu ghand ommu w min hemm mar maghhom il-polyclinic. It-tifel kien qasam minn qabel iz-zebra crossing w dahal fuqha djagonalment.

SILVANA PRIVITERA xehdet li hi ma ssuqx. Kienet riekba quddiem fil-car tal-appellant zewgha. Kien hemm traffiku fiz-zewg direzzjonijiet u huma kienu weqfin. Ta' quddiemhom mexa' w hareg tifel mill-gemb bil-girja w baqa' diehel fil-gemb tal-mudguard tal-lemin u waqa' mal-art hdejn ir-rota ta' quddiem. Zewgha hareg mill-car u gabru w huma haduh id-dar t' ommu l-Gzira u minn hemm haduh il-Polyclinic ma' ommu. Fil-hin tal-laqta huma kienu weqfin.

Ikkonsidrat;

Illi fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur issottometta li dan kien kaz klassiku ta' emergenza subitanea ghax id-driver kien qed isuq bi speed ridottissimu w dak li gara kien tort tal-imprudenza tal-pedestrian.
L-abbli prosekutur invece qal li l-appellant kien hati ta' nuqqas ta' "proper lookout" u li , f' kull kaz, il-piena gja kienet tirrifletti l-incident kif sar .

Ikkonsidrat;

Illi fir-rizoluzzjoni tar- responsabbilta’ naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x’ kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. **“Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**” (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta’ ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm <u>nexus</u> fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim**.”Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef”** [3.12.1960].)

Illi skond ir-regolament 89 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur, "…meta triq tkun immarkata b' linji bojod paralleli jew b' sinjali ohra biex juru post ta' qsim ghall-uzu ta' nies bil-pass, il-vetturi kolha li jkunu qed

jersqu lejn dak il-post ghandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bzonn, ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu dak il-post ta' qsim, u ma ghandhom f' ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzaw dak il-post ta' qsim."

Umbaghad il-paragrafu 124 ta' "The Highway Code" jirrakkomanda li :-

"When approaching a PEDESTRIAN CROSSING always be ready to slow down or to stop so as to give way to pedestrians; give them the right of way on these crossings...."

U l-paragrafu 128 jghid :-

"Most pedestrians killed or seriously injured are either under 15 or over 60. The young and the elderly may not judge speeds very well and may step into the road when you do not expect them."

Gie ritenut ukoll li f' kaz ta' "running down cases" li "ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero' , dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghid dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Formosa" Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi

kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza .
" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kolloz. Vo. XLVI . p.iv. p.765).

Il-Corte di Cassazione Taljana , meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet :-

a) "che il-conducente , per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;
b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;
c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant qed jinvoka d-difiza tas-“*sudden emergency*” ghax qal li l-pedestrian hariglu f' daqqa minn bejn il-cars l-ohra li kien hemm fit-traffic jam. Issa pero’ kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera”** [13.12.68] :

*“Driver ma jistax jissolleva b’success id-difiza tas-”sudden emrgency” meta l-emergenza jkun holoqha hu.”*

Ikkonsidrat;

Illi ma hemmx dubju li - indipendentement minn dak li xehdu l-appellant u martu dwar speed - l-fatt li l-pedestrian waqa' u gie magemb il-bieba tad-driver jindika li verament l-appellant fil-hin tal-urto kien qed isuq bi speed minimu, ghaliex kieku ma kienx hekk kien zgur jiskorri sew il-post fejn waqa' l-pedestrian. F' dan il-kaz umbaghad la gie esebit sketch u lanqas allura ma jirrizultaw li kien hemm xi

brake marks li jistghu jitfghu xi indizju kuntrarju dwar il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti dwar speed . Ghalhekk, anki jekk wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-car tal-appellant kien ghad fadallha ftit tal-"forward momentum" fil-hin tal-urt u li dan x' aktarx li kien il-kawza vera tal-fratturi li sofra it-tifel, xorta wahda dan kien minimu.

F' dan il-kaz pero' jidher li t-tifel hareg minn wara vetturi ohra, tant li hu stess ra l-vettura li laqtitu tul ta' xi tnejn jew tlitt metri boghod minnu al massimu. Wiehed allura logikament jassumi li bl-istess mod it-tifel sar vizibbli ghall-appellant piu' o meno fl-istess distanza, li ghalkemm ippermet lill-appellant li jieqaf hesrem tenut kont tal-ispeed baxx hafna li kellu , xorta ma setax jigi evitat l-urt mall-pedestrian. Ghalhekk ma jirrizultax li l-appellant ma rax xi haga li kellu jara f' dan il-kaz u li minnhabba f' hekk ma setax jirrejagixxi tempestivament. Kwindi t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-appellant ma kellux "proper lookout" ma tidhirx fondata.

Hu minnu li l-incident sar fuq "pedestrian crossing" fejn id-drivers ghandhom ikollhom l-akbar "awareness" u "alertness" ghall-prezenza jew movimenti ta' pedestrians. Imma f' dan il-kaz jirrizulta li t-tifel qasam djagonalment lejn il-crossing minn wara vetturi ohra b' mod li sar proprju vizibbli ghall-appellant meta tfacca minn wara l-karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta li kienu weqfin minnhabba t-"traffic jam" li kien hemm dak il-hin. Li l-appellant waqaf f' hakka t'ghajn u li l-pedestrian ma giex imbuttat il-quddiem imma waqa' proprju magemb il-bieba tad-driver tal-car tal-appellant jispjega d-dinamika tal-incident b' mod li juri li l-konducent kien qed isuq bi speed ferm baxx, kien "alert" u kellu 'lookout" mehtieg , imma minnhabba l-moviment inaspettat tal-pedestrian, ma setax jevita l-urt mat-tifel.

Ghalhekk f' dan il-kaz partikolari d-difiza tas-"sudden emergency" krejata mill-pedestrian, ghall-inqas "on a balance of probabilities" ghandha tirmexxi. Konsegwentement l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant ma tirrizultax pruvata sodisfacentement.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi revokata b' dan li l-appellant qed jigi mehlus minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------